TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 560/10

**Anthony Naudi f'isem marti Yvonne Naudi**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 16 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u ħamsa u sittin ewro (€165), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* li ġralha l-ħsara jumejn wara li għaddew is-sentejn tal-garanzija.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *washing machine* mingħand id-ditta intimata u wara li għaddew sentejn kellha problema bil-*cross*, illi biex tissewwa kienet tiswa daqs l-istess *washing machine*.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li hemm is-sentejn garanzija, kif ukoll l-*extended guarantee* pero' din ma tkoprix l-affarijiet li jmorru b'*normal wear and tear* u *corrosion.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra li l-parti in kwistjoni marret bl-użu tal-*wear and tear*, għalhekk mhix koperta bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888